MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 285/2008

Joseph u Mary Rose konjugi **BORĠ**

vs.

Ramon **SPITERI**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-25 ta' Marzu, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li (1) din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet ta' l-artikolu167 tal-Kap 12; u (2) tordna lill-intimat biex, fi żmien qasir u perentorju li din il-Qorti jogħġobha tiffissa, joħroġ mill-*garage* internament mmarkat bin-numru sebgħa u għoxrin (27), f'livell ta' *semi-basement,* li jagħmel parti minn blokk magħruf bħala "Daffodil Court," Block Ċ, Triq San Ġorġ, Santa Venera, u dan billi qiegħed iżomm l-imsemmi fond bla ebda titolu ladarba fit-8 ta' Diċembru, 2007 għalqet il-kirja li saritlu għall-imsemmi fond. Talbu ukoll l-ispejjeż;

Rat illi r-rikors u l-Avviż tas-Smigħ ġew debitament notifikati lill-intimat li naqas li jidher biex iwieġeb għat-talbiet attriċi x'ħin issejħet il-kawża bosta drabi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rikorrent waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet l-Avukat tar-rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja ta' l-intimat tiddeċiedi billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti** u tgħaddi biex tagħti s-sentenza mingħajr is-smigħ;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrek biex, sa' żmien tletin (30) jum mil-lum, joħroġ mill-*garage* bla isem li internament iġib in-numru sebgħa u għoxrin (27), li jagħmel parti minn blokka bini bl-isem ta' "Daffodil Court," Block Ċ, Triq San Ġorġ, Santa Venera.

**3.** Tikkundanna lill-imħarrek ukoll biex iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------